Organu tal-"Malta Police Association"
Ippubblikat minn
Associated News (Malta) Ltd.
Stampat fil-Union Press
Editur — Michael Marshall

# IL-PULIZIJA

## *INDICI TAĊ-ĊIRKOLARIJIET*

**Minn E.A.**

Fil-ħarġa tal-magażin ta' Marzu ktibt dwar il-ħtieġa ta' reviżjoni ta' l-ordnijiet u llum qed nikteb dwar dak li naħseb li għandu jkun l-ewwel fażi ta' din il-biċċa xogħol kbira u meħtieġa — l-indiċi taċ-ċirkolarijiet jew direttivi maħruġa taħt il-forom imsemmija fl-artiklu ta' Marzu.

Meta kont qed nikteb dan l-artiklu kont għadni kemm tlabt permess mill-amministrazzjoni sabiex inħejji dan l-indiċi jew aħjar biex naġġorna l-indiċi li kien ħareġ fl-1962. Dan l-indiċi, biċċa xogħol tajba u siewja, joħodna lura anki f'ċirkolarijiet maħruġa fl-1941. Ngħid ukoll li bħal kull indiċi ieħor, dan kien sar alfabetiku u fih mas-70 faċċata. Illum, naturalment ikun fih aktar għaliex iridu jidħlu fih iċ-ċirkolarijiet importanti ta' dawn l-aħħar 16-il sena. Għidt ċirkolarijieti mportanti għaliex wieħed ma jistenniex li jsib ċertu ċirkolarijiet li joħorġu jew li kienu joħorġu dwar ngħidu aħna 'roster' tal-maġistrati, 'sunset list' jew oħrajn li għalkemm kienu mportanti dak iż-żmien li ħarġu, illum ma għandhom l-ebda valur.

**Tqassim ta' dan l-indiċi**

It-tqassim ta' dan l-indiċi mhix biċċa tiegħi, u ħallejtha f'idejn l-amministrazzjoni biex tiddeċiedi, iżda nixtieq ngħid l-opinjoni tiegħi wkoll. Ikun xieraq u sewwa kieku kopja ta' dan l-indiċi tingħata lil kull uffiċjal gazzettjat bħala 'issue' mid-dipartiment u tingħata wkoll kopja għal kull uffiċju tal-Pulizija. Din il-kopja għandha tingħata 'on charge'. Barra minn dan, ladarba se ssir, jista' wkoll id-dipartiment jagħmel ftit kopji għal bejgħ għal dawk interessati. Jiena nemmen li anki bi prezz baxx, jekk isir dan, lid-dipartiment din il-biċċa xogħol ma tkun swietlu xejn ħlief ix-xogħol.

**Wara li jitlesta**

L-aktar ħaġa mportanti hija li wara li jitlesta dan l-indiċi, dan ma għandux jitħalla bla ma jiġi aġġornat kif ġralu dak tal-1962. Għaldaqstant ikun neċessarju li l-kopji mqassma mid-dipartiment jinġabru fl-aħħar ta' kull sena, jiġu emendati u jerġgħu jitqassmu lura. Dawk li jkunu xtraw kopja jistgħu jaġġornaw il-kopja tagħhom mill-kopji emendati li jkun hemm fl-uffiċini. Dan jiena wkoll tlabt li nagħmlu bil-pjaċir kollu kemm-il darba nkun f'pożizzjoni li nagħmlu.

**It-Tieni Fażi**

Hawnhekk se nerġa' lura għal dak li għidt fl-artiklu ta' Marzu (Reviżjoni ta' l-ordnijiet). Jiena nemmen li dan l-indiċi jista' jkun l-ewwel fażi ta' dik il-biċċa xogħol siewja li jien semmejt f'Marzu u se ngħid għaliex. Bħalma kulħadd jaf, dan l-indiċi jkun alfabettiku u suġġett wara l-ieħor. Jekk tiftaħ l-indiċi tal-1962 issib li hemm madwar 14-il ċirkolari li jitkellmu dwar l-"advertisements" u f'li joħroġ għandu jkun hemm aktar. Għaldaqstant bħala t-tieni fażi ta' din il-biċċa xogħol, fl-opinjoni tiegħi għandha ssir riċensjoni taċ-ċirkolarijiet kif jidħru f'dan l-indiċi. Jiġifieri, biex nerġgħu nieħdu l-"advertisements", isir 'sumamry' ta' dawk iċ-ċirkolarijiet li għadhom invigore.

**L-aħħar Fażi**

L-aħħar fażi ta' din il-biċċa xogħol fl-opinjoni tiegħi għandha tkun li fejn hemm aktar minn ċirkolari waħda dwar

Tkompli P.3

# EDITORJAL

## IL-POLICE GENERAL FUND

KIF teqilbu din il-paġna s' taqraw li hemm il-ħsieb li jitwaqqaf Fund ieħor, Police General Benefit Fund, bl-iskop, jixhed ismu, li jingħataw għajnuniet lill-membri tal-Korp.

Illum bħal ma tafu għandna żewġ Funds fil-Pulizija — il-General Fund u l-Association Fund. Ta' l-ewwel, Il-General Fund, kif diġa' kellna okkażjoni nitkellmu fuqu, twaqqaf fl-1919 u l-kontribuzzjonijiet kienu kif qegħdin illum, jiġifieri 5 cents fix-xahar (taħt ir-rank ta' Spettur) meta l-paga al-Kuntistabbli kienet bejn 22 cents 5 u 25 cents kuljum. Jekk nipparagunawha ma' dik tal-lum insibu li llum qed inħallsu ftit. Iżda rridu ngħidu wkoll li l-bżonnijiet ta' dak iż-żmien kienu ħafna iktar. Setgħu wkoll kien hemm min ma għoġbitux l-ideja ta' dan il-Fund u dejjem ħallas kontra qalbu.

L-għanijiet ta' dan il-Fund ma' nsibuhom ippubblikati mkien u lanqas qatt ġie ppubblikat 'Statement of account', li nafu biss huwa li l-Kummissarju għandu jikkontrolla dan il-Fund. Nafu wkoll li kien hemm każijiet fejn ingħatat għajnuna lill-membri tal-Korp għalkemm ma setgħatx kienet kbira. Ta' min isemmi wkoll li f'dawn l-aħħar snin fil-waqt li l-Pulizija kkontribwixxiet 60 cents fis-sena għal dan il-Fund, ingħatat lira fis-sena għal kull membru in-konnessjoni mal-parties u l-lotterija tal-Milied. Dan ċertament li tefa' dan il-fund lura.

Illum għandna bżonn li niddeċiedu li, jew nagħmlu Fund sewwa, b'kontribuzzjonijiet sewwa u naturalment b'għajnuniet tajbin jew ma nagħmlu xejn. Iridu nammettu li anke jekk fl-1919 dan il-Fund sar kontra x-xewqa tal-membri tal-Korp, iżda kienu saru kontribuzzjonijiet tajbin. Minn jaf x'inhi l-opinjoni tal-membri tal-Korp illum dwar dan il-Fund. TAQBEL JEW LE LI GĦAL DAN IL-FUND GĦANDHOM JOGĦLEW IL-KONTRIBUZZJONIJIET U KEMM ISIRU?



# BRITANNIA rules Valletta



**The Britannia Restaurant is ideal for a quick lunch during your mid-day break.**
**The Britannia is superb as a dinner venue in the evening.**
**The Britannia gives you real value for money.**
St. Lucia Street, Valletta. Tel: 625761

# MILL ASSOCIATION

Nhar l-Erbgħa, 19 ta' Lulju, 1978 delegazzjoni tal-Association kellha laqgħa mal-Official Side fejn ġie diskuss:

**1. Police General Benefit Fund**

Hemm il-ħsieb li jitwaqqaf l-imsemmi Fund bl-iskop li tingħata għajnuna lill-membri tal-Korp kif ukoll lil familji tagħhom f'każ li dawn imutu. Fil-każ ta' dan ta' l-aħħar, l-għajnuna tingħata għal funeral ta' membru tal-Korp. Fil-preżent, dan qed isir u l-għajnuna qed tingħata mill-Police General Fund. L-Association ukoll kienet wiegħdet għajnuna u kien hemm ukoll min għamel xi talbiet għal għajnuna, iżda fiċ-ċirkostanzi tal-mument, minħabba diffikultajiet finanzjarji l-Association ma tistax toħroġ flus mill-fondi tagħha. Dwar dan is-suġġett nitkellmu f'ħarġiet oħra peress li għad iridu jsiru aktar diskussjonijiet dwaru.

**2. Deployment exercise**

L-Association għal darba oħra staqsiet f'liema stadju wasal dan l-eżerċizzju. Għal min ma jafx, dan l-eżerċizzju qed isir bl-iskop li jiġi stabbilit in-numru ta' nies meħtieġa għal kull diviżjoni jew sezzjoni tal-Korp. L-Association xi żmien ilu kienet talbet biex tagħti l-veduti tagħha qabel ma jiġi mplimentat dan l-eżerċizzju. Ġejna nfurmati li dan l-eżerċizzju se jiġi ffinalizzat meta jidħlu l-membri ġodda fil-Korp.

**3. Drivers tal-vetturi tal-Pulizija**

DRIVERS li normalment jaħdmu sas-1 a.m., minħabba l-esiġenzi tas-servizz ta' spiss jkomplu ta' spiss jibqgħu xogħol wara dan il-ħin għaldaqstant saru rappreżentazzjonijiet biex is-sistema ssir aktar effiċjenti u ma toħloqx tbatija.

**4. Refreshments waqt ħin twil**

Għad li hemm ordnijiet li jgħidu li f'watch ta' 8 sigħat il-Pulizija li jkun għassa f'ċerti 'fixed points' għandu jingħata ftit minuti sabiex jieħu xi 'refreshments', din f'ċerti postijiet mhix tiġi applikata. Għaldaqstant l-Association talbet biex fejn dan mhux jiġi applikat jibda jiġi applikat u jekk ikun hemm bżonn joħorġu struzzjonijiet dwar dan.

**Premjijiet wara l-korsijiet**

L-Association għamlet talba biex dawk li jiġu l-ewwel fl-eżamijiet wara l-korsijiet tal-lingwi, jingħataw rigal mill-General Fund. Din it-talba saret bl-iskop li jkun hemm aktar nies interessati fil-lingwi. Din it-talba ma ġietx milqgħuha; għaldaqstant l-Association bi ħsiebha fl-ewwel laqgħa tagħha tiddiskuti din il-kwistjoni bl-iskop li dawn il-premjijiet joħorġu mill-Fondi tagħha. Barra minn dawn tal-lingwi jkun xieraq li jingħata rigal għal min jiġi l-ewwel fil-'course of training'. L-iskop ta' dan kollu mhu xejn ħlief inċentiv biex wieħed jistudja.

**Is-Slacks and Tunic fil-Qorti**

F'Ġunju 1978 saret talba lill-awtoritajiet konċernati biex il-Pulizija tkun tista' tattendi l-Qorti bil-qmis u mhux bis-slacks and tunic. Ta' min ifakkar li fuq talba tal-Association, is-slacks and tunic ma baqgħetx tintlibes f'ċerti purċissjonijiet u nittamaw ukoll li ma nibqgħux nilbsuha għall-Qorti.

**Police Club**

B'referenza għat-talba tal-Association dwar il-Police Club fejn ġie mitlub post fil-Furjana, fl-24 ta' Lulju, 1978 ġejna nfurmati li t-talba tagħna se terġa' tiġi kkunsidrata fi Frar/Marzu meta jispiċċa l-kiri preżenti.

---

TKOMPLI MINN P.I

suġġett, u minn dawn hemm ġmielhom, dawn jiġu amalgamati f'ċirkolari waħda. Peress li dan ix-xogħol mhux se jsir f'ħakka t'għajn u jista' jieħu s-snin, din iċ-ċirkolari tingħata numru u isem ġdid u speċjali u jekk jista' jkun ma tużax s'issa, ngħidu aħna Revised Order No. 1. Iżda jkun importanti li jekk ikunu se joħorġu xi direttivi dwar suġġett li tagħhom diġa' ħarġet Revised Order, dawn joħorġu b'referenza għal din l-ordni l-ġdida. Dan ma jfissirx li din l-ordni ma tiġix mibdula jew imħassra, iżda li nibdlu, inżidu jew inaqqsu l-istess ordni biex meta wieħed ifittex, ifittex dejjem fuq waħda. Sistema simili hija wżata mill-Gvern għall-Estacode.

**Għaliex biċċa xogħol kbira**

Sakemm tasal għall-aħħar fażi ta' din il-biċċa xogħol trid ħafna xogħol li naturalment jieħu ħafna ħin. Jekk wieħed jifli l-indiċi tal-1962 isib li hemm madwar elfejn suġġett b'referenza għall-aktar minn 7,000 ċirkolari. Madankollu dan ma għandux jaqtagħlna qalbna li xi darba ma jitlestiex. Wieħed irid jifhem ukoll li ċirkolari waħda tista' titniżżel taħt tlieta jew erba' suġġetti, iżda meta naslu għall-aħħar fażi ta' din il-biċċa xogħol in-numru ta' suġġetti se jonqsu u jonqsu wkoll in-numru taċ-ċirkolarijiet.

Nixtieq fl-aħħarnett nagħmel appell għal xi suġġerimenti dwar dan b'mod speċjali dwar l-indiċi li meta tkunu qed taqraw dawn il-kelmtejn ikun diġa' beda x-xogħol fuqu. Iktbulna.



# Contact Sullivan & Sullivan Ltd., Malta's Cargo and Travel Experts...

They can forward your personal effects boxes and/or cargo, conventional or containerised to all destinations, at special rates.

When planning for your holiday in the most economical and practical way,. use their Travelmatic Service for any of the following facilities:-

Insured Apex to and from UK. USA and CANADA.

WINDSOR TOURS or any other inclusive tour to and from principal European Countries.

SPECIAL FARES to Australia.

**Sullivan & Sullivan Ltd.**
**150, St. Lucia Street,**
**Valletta.**

Telephone: 624715, 625946 during office hours.
30560, 31628, 31778 after office hours and on holidays.

# IL-PULUZIJA U L-PSIKJATRA

Minn Dr. Abraham Galea M.D.

IL-PULIZIJA u l-psikjatra — it-tnejn għandhom fama ħażina mal-pubbliku. Il-pulizija kulħadd iridu "wara biex ħadd ieħor", lill-psikjatra ħadd ma jridu mkien. Mela l-ewwel biċċa xogħol li għandu l-pulizija hija l-istess dik tal-psikjatra — LI JBIDDLU L-IMAGE TAGĦHOM FIS-SOĊJETA'.

Sakemm il-psikjatra jibqa' "white coat jailor" li jaqflek biex la tkorri lil ħadd u lanqas ikorri huwa, ħadd ma jmur jiftaħ qalbu miegħu u jgħidlu għommtu. Min ibagħti? Il-pazjent għax il-marda tidħol 'l ġewwa u mbagħad ikun tar l-għasfur — għax KULL marda tal-moħħ titfejjaq — basta taqbadha kmieni.

Sakemm il-pulizija jibqa' jagħmillek ċitazzjoni u jtellgħek il-Qorti ħadd ma jrid jitlef iż-żmien u jimbagħad għall-ilsienu u għalhekk ħadd ma jikkopera mal-pulizija — min ibagħti? — iċ-ċittadin onest għax "rajt ma rajtx u smajt ma smajtx."

Mela x'mhux il-psikjatra?

Mhux xi Svengali li jaqralek moħħok u jkun jaf x'għandek f'qalbek! Huwa biss tabib speċjalizzat li jimpurtah iżjed minn kull ħaġ'oħra (speċjalizzat) mill-imġieba umana! Jifhem u jistudja mhux għal kurżita'. Iżda biex jgħin fejn jista!

X'inhuwa l-pulizija? Ċittadin bħalek u bħali li jkun bl-uniformi li jinteressah (speċjalizzat), fil-protezzjoni tas-Soċjeta'.

Biss jagħmlu x-xogħol tagħhom biss jekk ikollhom il-kooperazzjoni tiegħek u tiegħi, ta' min jikkmandha u 'l min jobdihom; ta' min javdahom u jqishom bħala wieħed (jew uħud minnhom). Xogħol speċjalizzat iżda meħtieġ u kultant waqt li inti rieqed id-dar il-pulizija jissogra ħajtu jiġri wara l-ħalliel; waqt li inti tiżfen u tiżżagħbel il-pulizija jagħmel "patrol" biex ma jisirqukx; waqt li inti ssajjar il-minestra l-pulizija jixhed il-Qorti biex isir il-ħaqq.

L-istess ngħidu għall-Psikjatra. Waqt li inti tixtri s-Suq it-tabib jikkura 'l żewġek biex jerġa' lura malajr lejn xogħlu jaqlagħlek 'l paġa; waqt li moħħok iberren kif ħa tneħħi ħajtek il-psikjatra jixxokkjak ħalli jivdik mill-oppressjoni dipressiva; waqt li ibnek jiskarta l-iskola il-psikjatra jeżamina x'hemm ħażin fl-iskola, fid-dar jew fit-tifel innifsu.

Mela jekk *ma nasalx* biex ngħid li l-pulizija jew il-psikjatra jimmeritaw il-"grazzi tagħna" (għax ħadd m'għandu dritt għar-rikonoxximent talli jagħmel ix-xogħol tiegħu — u ħadd ma jippretendi "grazzi" taili jagħmlu sewwa, għall-inqas m'hemmx għallfejn nibżgħu minnhom. U tajjeb li l-poplu jkun jaf fejn jistgħu jikkoperaw AĦJAR il-Psikjatra u l-Pulizija għal ġid tan-nazzjon, (għalija u għalik).

1) Jistgħu jikkoperaw l-iżjed biex jgħallmu lill-pubbliku fi sferi komuni. Waħda semmajniha ġa — x'inhija l-funzjoni tal-pulizija u tal-psikjatra fis-soċjeta' moderna. Dan nistennih f'kull seminar li jsir meta jkun hemm suġġett li jinteressahom it-tnejn. Rajt psikjatri; rajt qassisin; iżda ftit rajt pulizija.
2) Jikkoperaw f'dawk li jissejħu pjagi soċjali — dawn juruk li s-soċjeta' qed timrad u meta tkun taf isir dover tiegħek mhux li twaħħal fil-pulizija u fil-Qrati, iżda li tagħti sehemek. Dawn huma:
   (i) Delinkwenza fost iż-żgħażagħ.
   (ii) Rata tal-Illeġitimita' u abbużi sesswali fil-pubbliku (inklużi films eċċ. u attakki sesswali; aljenazzjonijiet bi skop ta' qliegħ immorali, abort — li huwa kkundannat bil-liġi).
   (iii) Mard VENERJU bħal ma huma l-gonorrhoee u s-sifilide li jistgħu jiġu trasmessi minn nies ta' mentalita' baxxa li ma jieħdux prekawzjoni.
   (iv) Il-problema tad-drogi — li tmiss 'l personalita' tal-individwu, tikkorrompi ż-żgħażagħ u tagħti ferm xogħol kemm 'l pulizija u kemm lit-tabib.
3) Tifhem bħal ma għandu jifhem il-pulizija u wisq iżjed il-psikjatra li l-Qrati tagħna llum qegħdin hemm (fost affarijiet oħra) biex jikkastigaw id-delitt iżda biex jekk jista' jkun jikkonvertu 'l kriminal. Għalhekk *il-ġustizzja* ssir iżda minn daqqiet *il-poplu ma jifhimx* li din qed issir. Ikun hemm nuqqas ta' ftehim kbir bejn il-pulizija u l-psikjatra. Il-pulizija jkun ħela demmu biex jaqbad 'l ħalliel — il-psikjatra jgħid li dak li għamel huwa frott ta' trobbija ħażina li mhux tort tal-imputat; il-Qorti jtih "probation". L-imputat jitbissem (għalkemm m'għandux għalfejn) il-psikjatra jibda jara x'jagħmel biex jgħin 'l "probation officer" li waddablu kriminal fuq spalltu; il-pulizija titqarras li wara daqs dak xogħol lanqas biss weħel ġurnata ħabs u l-poplu jgħid li tagħmel x'tagħmel tgħaddiha lixxa. Bħala tabib nixtieq li xi darba jkun hemm aktar fehma bejn il-Qorti, l-avukati, il-maġistrati u l-pulizija.
4) Għad irid jiġi żmien meta fil-ħabs tagħna jkun hemm aktar diskussjoni bejn il-pulizija tal-ħabs, it-tobba ta' l-isptar, il-priġunieri u familja tiegħu. Min imur il-ħabs illum ikollu l-kondotta tiegħu mċappsa u diffiċli jaħdem x'imkien, uliedu u l-familja jeħlu bla bżonn u xi ħabsin jagħmlu s-sentenza bla ma nkunu nafu għaliex għamlu dak li għamlu (motivazzjoni). Il-psikjatrija forensika llum għamlet passi ta' ġgant u m'għadniex fi żmien meta l-ħabs huwa biss post punittiv biex iwerwer lin-nies ma jitbellħux. Illum jekk nifhmu lil priġunier u ngħinnuh jirriabilita' ruħu ma jerġax jiġi wara sitt xhur. Jekk kif joħroġ mill-ħabs kulħadd iħarislu bl-ikrah; għandu ma jitħalltux u tih "biċċa minn dejlek" dan żgur li jkun riċidivist. U tarah ma wiċċek ftit żmien wara għax IS-SOĊJETA' MA HAL-

Tkompli P.11

# Il ~ Mayfair European Holidays

**GĦAMILNIHOM APPOSTA GĦALIK**

MA' L-UNTOURS TONFOQ INQAS U JIBQAGĦLEK
AKTAR FLUS FIL-BUT GĦAL WAQT IL-VJAĠĠ



*Programmi u tagħrif iehor mingħand*

## UNTOURS LIMITED

WORKERS' MEMORIAL BUILDING
OLD BAKERY STR., VALLETTA.
TEL. 25733 - 623640 - 624451

BRANCH OFFICE
66, TOWER RD., SLIEMA.
TEL. 36477 - 36478

# IL-PULIZIJA-KOMMUNITA MINN G.P. IT-TIENI PARTI

## ✦ NILBSU UNĊĊALI ĊAR

Hawn min jirraġuna tajjeb. Hekk kif jiġi għand il-Pulizija anke b'akkuża jirrejalizza l-iżball u jammetti t-tort. Mela mhix ħaġa ta' skantament li wara kawżi fil-Qorti issib li anke dak li jkun weħel jew ġie liberat imur fuq il-Pulizija ikellmu qisu qatt ma kien xejn. Minn naħa l-oħra fl-ottimiżmu wieħed ma jridx jintilef għax jeżistu anke dawk li jżommu xi ftit f'qalbhom għal dak il-pulizija. Imma dawn huma ftit mir-riskju tal-ħajja ta' Pulizija. Kien hemm diversi każi pjetużi fejn ġibdu s-simpatija tal-pubbliku lejn il-Pulizija. Jintesew id-differenzi u tiġi s-simpatija. Kellna riċenti l-każ li Pulizija ġie mtajjar minn karrozza waqt il-qadi ta' dmirijietu. Kien hemm diversi każi fejn Pulizija ġew korruti waqt qadi ta' dmirijiethom. Pero' dawn il-każi dejjem wasslu biex il-kommunita' tħares lejn dak il-Pulizija nvolut u tgħid 'Miskin' u ddur qatta' bla ħabel kontra min jasal għal dawn l-għemejjel. Minnkejja dawn l-inċidenti l-Pulizija jrid jilbes nuċċali ċar u jara l-ħajja b'vista ċara. Mhux xi ħaġa faċli, imma hi ħaġa li ssir. U proprju għax iħares b'nuċċali ċar li l-Pulizija jibqa' jaqdi dmiru. Ġie mtajjar Pulizija waqt road block. Imma sħabu in ġenerali baqgħu jagħmlu dawn ir-road blocks.

## ✦ MINN NAĦA L-OĦRA TAL-LENTI

Mela jasal il-Pulizija biex iħares b'lenti ċara lejn id-doveri tiegħu. Minn naħa l-oħra tal-lenti il-kommunita' tħares lejn il-Pulizija b'lenti ċara wkoll. L-istima tal-pubbliku lejn il-Korp tal-Pulizija tiegħu hi fattur importanti kemm għall-Pulizija kif ukoll għaċ-ċittadin. Il-Pulizija mhux ser joqgħod jistenna ittri ta' kongratulazzjoni kull jum u lanqas mhu ser joqgħod jistenna kuruni tar-rand u medalji għas-servizzi tiegħu. Imma meta jara li hemm stima lejh, li jsib kooperazzjoni mill-pubbliku u meta jara kif timxi miegħu il-kommunita', ikun jaf li minn dawk il-qlub ġejja rikonoxxenza tas-servizzi li jkun ta. Hekk titwitta t-triq biex tinħoloq rabta soda bejn il-qaddej u dak li qed jiġi moqdi.

## ✦ IL-QADDEJ

Li kont ekonomista kont ngħid il-Pulizija huwa meqjus bħala 'service' bħal ma jkun meqjus għalliem fi skola, tabib u mpjegati oħra fil-kommunita' mgħadudin fis-'services' factor. Imma dil-kitba ħierġa minn pinna ta' Pulizija u ma hemm l-ebda ħsieb li jidħol f'argumenti ta' Economics. Biss naslu biex nifhmu li l-Pulizija huwa magħdud mas-services, mogħtija lill kommunita'. Jeżisti l-Korp Dixxiplinat tal-Pulizija. Dan il-Korp jamministra ħruġ ta' permessi, ta' liċenzi, ċertifikati, anke ċitazzjonijiet. Hu permezz tal-Korp li Dipartimenti tal-Gvern jamministraw il-parti legali u l-poteri legali li tagħtihom il-liġi. Hu permezz tal-Pulizija li tiġi amministrata l-liġi biex fil-Qrati jsir il-ħaqq. Il-Korp hu l-istrument li bih il-kommunita' trid tippreveni serq, qerq, abbużi mil-liġi u permezz tiegħu li jridu jiġi nforzati ċerti liġijiet bħal ma huma kontroll ta' prezzijiet, bon ordni fl-ambjenti kollha tal-ħajja. Kienet bil-kooperazzjoni tal-Pulizija li ġew kontrollati abbużi ta' kuntrabandu u drogi. Min ikun kulljum il-Qorti jara u jisma' b'dawn il-każi, jaf x'inhi l-ħidma tal-Korp u x'jirrikjedi biex jiġu eserċitati l-poteri mogħtija lill-Pulizija. Il-konsegwenzi li jistgħu iġibu fuq is-suq lokali bejgħ u xiri ta' oġġetti misruqa jew tal-kuntrabandu kull negozjant jaf x'inhuma. Minn ċerti aspetti allura, il-Pulizija hi organu produttiv.

## ✦ IL-MOQDI

Kull membru tal-kommunita' jgawdi xi ftit mill-ħidma tal-Pulizija. Minn meta jitwieled sa kemm imut il-bniedem hawn f' dawn il-gżejjer irid iħabbat wiċċu mal-Pulizija. Jibda bl-att tat twelid u jispiċċa bl-att talmewt. Imma mill-ħarqa sal-qabar hemm għomor ta' bniedem u tulu jrid xi darba jew oħra jirrikorri lejn il-Pulizija. Dak li jrid ċertifikat tal-kondotta biex jimpjega ruħu, dak li jrid liċenzja biex jaħdem għal rasu xi darba jew oħra f'għomru, il-membru tal-kommunita' irid imur lejn l-għassa tal-pulizija. Forsi dak li ma jmurx isib li jiġri bħal ta' Mawmettu li meta ma marx għall-muntanja, il-muntanja marret għalih. Ġie li jiġi jħabbat il-Pulizija b'messaġġ jew kweżit.

## ✦ KWEŻIT

Għalkemm jiġi jistaqsi l-Pulizija żgur li l-kommunita' tistaqsi: 'Xi tfisser tkun Pulizija?' 'Li tkun qaddej biss? Li tbagħti biss? Li toqgħod għalli jgħidulek? Li jkollok uniformi u poter? X'inhu Pulizija?' B'ħarsa lura naraw li pulizija hu dak li daħal fil-Korp biex jagħti servizz. Rajna li hu bniedem tad-demm u l-laħam u li hu membru tal-kommunita' li fiha jgħix. Imma li tkun Pulizija tfisser ukoll li ssir membru ta' kommunita' żgħira magħquda flimkien taħt skop wieħed, bl-istess uniformi u bl-istess Obbligi, li b'rabta ta' ġurament trid taqdi. Il-Pulizija mhux xi bniedem minn barra din id-dinja, imma hu bniedem li jgħix fid-dinja. Bniedem li daħal għal responsabbiltajiet. Min jara l-Pulizija meta ma jkunx hu taħt l-obbligi tas-servizz jimmaġina ħafna affarijiet.

Bil-films li naraw bħal 'Starsky and Hutch' nibdew anke nimmaġinaw u nirraġunaw fuq il-ħajja tal-Pulizija. Imma meta tkun tgħix fil-kommunita' tagħna l-Pulizija tibda tħares lejn dawn il-films u tiggostahom għax tara fihom it-thriller u ftit mill-ħajja ta' Pulizija. Meta ma tkunx fil-Pulizija tasal biex tispekola bosta affarijiet. Imma dal dire al fare c'e mezzo mare.

## ✦ IL DIRE

L-għajdut idur fejn idur imur dejjem fuq l-effiċjenza. Ikun hemm bażi fejn wieħed jistenna riżultat għala James Bond. Imma fil-mistier tal-Pulizija l-affarijiet imorru mod ieħor. Investigazzjoni immedjata tista' ma tagħtix ħjiel. Jiġri li wara bdu ta' investigazzjoni wieħed jasal għal biex isolvi sensiela ta' delitti. Provi ta' dan kellna bosta riċenti. Mhux kemm taqbad tgħid imissu l-Pulizija għandu karrozza, imissu għandu radio, walkie talkie, revolver u x'naf jien. Dan forsi minn influwenzi li jkun hemm minn media ta' films, magazines u thrillers. L-ebda mezz tekniku jew xjentifiku mhu ser iwassal għall-effiċċjenza. L-argument hu li makna f'idejn min ma jafx min iħaddimha tibqa' biss makna.

Tkompli P.20




**DON'T LET** your ceiling get on top of you. Call **Marsa Plastics Ltd — the Suspended Ceiling Specialists** and walk tall. Not only will we put you a first class suspended ceiling on your head with the minimum of fuss and bother — but we'll leave you free to get on with other things while we do it. All you have to do is tell us what you want and when — we'll do the rest. Scaffolding, Labour, Materials — we'll supply the lot.

*Call the Specialists for Free Estimates*

*Marsa Plastics Limited*

*INDUSTRIAL ESTATE MARSA*

**TELEPHONE 621266 — 621267**



# DAI Trading Agency

**Kingsbridge Building**

**Msida Circus – Msida**

**Telephone : 37119**

(THE BIGGEST DOMESTIC ELECTRONIC PRODUCTS BUSINESS IN MALTA)

*Representing:*

SONY CORPORATION
JVC-NIVICO CORPORATION
CLARION COMPANY LIMITED
HITACHI CORPORATION
RISING COMPANY LIMITED
FUJITSU-TEN CAR STEREO
GOODMANS LOUDSPEAKERS LIMITED
TANNOY COMPANY LIMITED
B & W COMPANY LIMITED
SPENDOR COMPANY LIMITED

*assure their clients that they always keep in stock about 12,000 different items of spare parts and accessories. Efficient quick repair service of their products is also assured.*

# IT-TELEKOMUNIKAZZJONIJIET U L-PULIZIJA

Minn Joseph Bartolo IT-TIENI PARTI

Lil dawk li xogħolhom jirrekjedi li jħaddmu u jużaw l-istazzjonijiet mobbli nixtieq ngħidilhom biex jagħmlu ħilithom biex iżommu l-effiċjenza tas-sistema għolja. Biex jagħmlu dan ma jinħtieġilhomx jagħmlu xi sforzi speċjali imma kull ma jridu jagħmlu hu li jużaw moħħhom, jużaw is-sens komun u jaħsbu loġikalment. Jekk ngħidu aħna bejn ċerti postijiet u l-Istazzjon Ewlieni jew Stazzjon Distrettwali l-komunikazzjoni ma tkunx tajba, kull ma wieħed irid jagħmel hu li jimmarka dawn il-postijiet jew żoni biex kemm jista' jkun ma jieqafx fihom u jekk għal xi raġuni jew oħra dan ma jkunx possibbli, l-istazzjon mobbli għandu jikkomunika ma' l-eqreb Stazzjon Distrettwali jew ma' l-Istazzjon Ewlieni qabel jidħol u wara li joħroġ minn dik iż-żona. B'hekk il-linja ta' komunikazzjoni tkun kontinwa u effettiva.

Regolament ieħor li rridu nħarsu huwa li qabel ma nittrassmettu, l-ewwel għandna nissemmaw biex nassiguraw li ma hemm ħadd li qiegħed jitkellem fuq l-istess frekwenza (jew kanal) għaliex jekk ma nagħmlux hekk noħolqu konfużjoni li tista' tirriżulta fi tfixkil ta' komunikazzjonijiet oħrajn li jistgħu jkunu ta' importanza kbira. Huwa mportanti ħafna li nżommu l-komunikazzjoni kemm jista' jkun fil-qosor u kif inlestu għandna nassiguraw li s-sett jiġi mpoġġi f'pożizzjoni biex jirċievi u għall-ebda raġuni ma għandu jintuża s-switch tat-transmitter jekk ma jkunx hemm il-bżonn li nittrassmettu.

U issa rrid ngħaddi biex nagħti ftit tagħrif fuq kif taħdem is-sistema. Il-prinċipju li fuqu taħdem is-sistema tar-radju bħal dik tal-Pulizija, jiġifieri "two-way radio", huwa bbażat fuq l-użu ta' "wave-lengths" (frekwenzi) għoljin ħafna, bejn 30 miljun u 300 miljun ċiklu kull sekonda.

Minħabba li r-radjazzjoni fuq dawn il-frekwenzi hija ristretta għal-"Line of Sight", jiġifieri li l-aerials tat-transmitter u tar-receiver kważi jridu jaraw lil xulxin id-distanza tal-komunikazzjoni hija limitata u għalhekk huwa mportanti ħafna li l-operaturi tar-radju mill-vetturi jagħmlu minn kollox biex kemm jista' jkun possibbli jevitaw dawk l-ostakoli kollha li jistgħu jtellfu l-linja ta' komunikazzjoni bejnhom u l-istazzjon li miegħu jkunu jridu jitkellmu.

Dan għandu jsir dejjem u kull vettura għandha kemm jista' jkun tinżamm 'il barra minn żoni diffiċli biex b'hekk tkun dejjem lesta biex tirċievi messaġġi ndirizzati lilha mill-Istazzjon Ewlieni jew minn xi Stazzjon Distrettwali.

Fatturi li fuqu tiddependi ħafna l-effiċjenza tas-sistema huwa l-kontroll li għandu jeżerċita l-operatur fl-Istazzjon Ewlieni jew fl-Istazzjon Distrettwali. F'każ fejn aktar minn vettura waħda jkunu qegħdin jagħtu lil wieħed minn dawn l-istazzjonijiet l-operatur f'dan l-istazzjon għandu jiddeċiedi min jitkellem l-ewwel u jgħid lil oħrajn biex jibqgħu jistennew. Huwa ferm importanti li l-operatur fl-Istazzjon Ewlieni jkollu kontroll assolut tas-sitwazzjoni biex b'hekk il-messaġġi jiġu mgħoddija malajr u b'diffikultajiet mill-inqas.

Biex dan il-kontroll seta' jsir, kien meħtieġ li, f'ċirkostanzi normali, stazzjon mobbli (f'vettura jew fuq lanċa) ma jkunx jista' jikkomunika ma' stazzjon f'vettura oħra. B'danakollu, fejn u meta tinħass il-ħtieġa biex dawn l-istazzjonijiet (mobbli) jikkomunikaw ma' xulxin jew ma' membri tal-korp "on the beat" jew "on patrol", dawn xorta jkunu jistgħu jagħmlu dan.

Għal dan il-għan l-Istazzjon Ewlieni u l-Istazzjonijiet Distrettwali għandhom il-faċilita' magħrufa bħala "talk-through" li tippermetti dawn il-komunikazzjonijiet.

Rajna fil-qosor kif il-Pulizija qiegħda tissodisfa l-ħtieġa li tkun preżenti kullimkien f'kull ħin. Rajna x'inhuwa l-kaġun li jista' jnaqqas l-effiċjenza tas-sistema u kif mingħajr xi sforzi speċjali nistgħu negħlbu d-diffikultajiet. Rajna wkoll kemm hu mportanti li l-istazzjonijiet mobbli josservaw il-proċedura biex isejħu lill-Istazzjon Ewlieni jew Distrettwali u li l-kontroll għandu jinżamm minn dawn ta' l-aħħar. Rajna l-faċilitajiet li toffri s-sistema u kif bi ftit volonta' tajba nistgħu nużaw aħjar l-apparat għall-benefiċċju ta' kulħadd. Qabel kollox ma rridux ninsew li dan l-apparat sewa ħafna flus lill-poplu Malti u għalhekk il-Pulizija għandha d-dmir u l-obligu li tuża dan l-apparat fl-aħjar interessi ta' Malta.

Għalkemm ma dħalniex fid-dettal tas-sistema, rajna kif is-sistema tat-telekomunikazzjoni li għandu l-Korp tal-Pulizija tista' tkopri lil Malta u Għawdex u aktar, kemm bl-art, bil-baħar u bl-ajru. Iżda ma rridux ninsew illi kull sistema, tajba kemm hi tajba, tiddependi minn min iħaddimha għal dik li hija effiċjenza. Lil dawk li b'xi mod jew ieħor għandhom x'jaqsmu mat-tħaddiem tas-sistema tar-radju rrid ngħidilhom li huma għandhom responsabbilta' kbira u li fuqhom u minnhom jiddependi kemm il-Korp jista' jkun effiċjenti fejn jidħol l-użu tas-sistema tar-radju u għalhekk ma nistax ma nsemmiex l-obbligu kbir li dawn il-membri tal-Korp għandhom dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tħaddim tas-sistema.

Fl-aħħar irrid nifraħ lill-Bord Editorjali għall-inizjattiva li ħa biex seta' jiġi ppubblikat dan il-magażin. Nawguralu suċċess m..-akbar u li b'għajnuna ta' dan il-magażin il-poplu Malti jsir jaf aktar fuq ix-xogħol, l-attivitajiet u l-ħtieġa tal-Pulizija fis-soċjeta'.



## IR-RIJORGANIZAZZJONI FIL – GARAGE TAL-PULIZIJA

FIL-HARĠA ta' Lulju semmeina r-rijorganizazzjoni li qiegħda ssir fil-garage tal-Pulizija. Nixtiequ niskużaw ruħna għal fatt li fost il-membri tal-missjoni Taljana li qed jgħinu sabiex din ir-rijorganizzazzjoni jkollha suċċess mixtieq hemm il-Maġġur L. Sansone u li aħna ma semmejniex.

Il-Maġġur Sansone għandu sehem kbir f'din il-biċċa xogħol li qegħda ssir fil-garage tal-Pulizija, anzi kien hu stess li minn jeddu kien offra s-servizz tiegħu għal dan l-iskop u li għaldaqstant nixtiequ nirringrazzjaw.

Niehdu wkoll l-okkażjoni biex nirriproduċu ritratt tal-Battery Room li tkellimna dwarha f'Lulju.



## KONT TAF. . . .

IL-MEWT ħasbet l-imħuh u kien hawn min staqsa — X'jieħdu d-dipendenti jekk niġi nieqes jien?

Meta membru tal-Korp imut, id-dipendenti tiegħu jieħdu:

1. Is-somma li tkun dovuta lilu kieku rtira f'dik il-ġurnata. Jiġifieri dawk li jkollhom taħt l-għaxar snin servizz jieħdu nofs xahar paga għal kull sitt xhur servizz u dawk 'il fuq minn 10 snin servizz, id-dipendenti tiegħu jieħdu dik is-somma li tkun dovuta lilu kieku spiċċa minn bord mediku.
2. Id-dipendenti jieħdu wkoll pensjoni tal-Widows and Orphans. Din il-pensjoni dvarja minn każ għall-ieħor. Tiddependi minn numru tat-tfal u l-etajiet tagħhom.
3. Pensjoni minn National Insurance.
4. Somma li llum hija ta' madwar £M250 tal-Mutual Help Association.

☐ ID-DIPARTIMENT tal-Pulizija dejjem ħass il-ħtieġa li jkollu nies ikkwalifikati f'ċerti snajja. Prova ta' dan ta' min isemmi s-sejħa għall-Pulizija li kienet saret fl-1955 fejn dawk il-kandidati li ġabu provi aċċettabbli li għandhom waħda minn dawn il-kwalifikazzjonijiet ingħataw 8 punti għall kull sena ta' esperjenza fix-xogħol b'massimu ta' 48 marka. Il-kwalifikazzjonijiet kienu:

i) Mekkaniċi tal-muturi.
ii) Elettriċisti.
iii) Bandisti.
iv) Mastrudaxxi.

Dan insibuh fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 10626 tas-27 ta' Mejju, 1955.

## ĦATRIET TA' SPETTURI

FIS-7 ta' Awissu 1978 ġew maħtura ħames spetturi ġodda fil-Korp wara li għaddew minn eżami. Erba' minnhom kienu jservu fil-kariga ta' Surġenti u l-ieħor f'dik ta' kuntistabbli. Fost l-ispetturi l-ġodda għandna l-korrispondent tal-paġna sportiva ta' dan il-magażin, is-Sur Alfred Debattista li huwa wkoll membru tal-Bord Editorjali tal-magażin. Lill-Ispetturi l-ġodda nawgurawlhom.

**A. Debattista**
**J. Suda**
**J. Azzopardi**
**A. Camilleri**
**A. Mallia**

## ATT TA' MIN IFAĦĦRU

*Ħidma waqt il-ħin tal-mistrieħ*

F'MESSAĠĠ maħruġ fis-27 ta' Lulju 1978 ġiet imfaħħra l-ħidma u dedikazzjoni għax-xogħol tal-Kuntistabbli 709 R. Zammit stazzjonat fid-dipartiment tal-investigazzjoni kriminal.

Kienet il-ħidma ta' dan il-Kuntistabbli li waslet għall arrest ta' żewġ żgħażagħ li kkommettew serq minn diversi vilel. Zammit kien waqt il-ħin tal-mistrieħ tiegħu meta ra lil dawn iż-żgħażagħ li kienu għadhom kemm ikkommettew l-imsemmi serq. Dan ċertament juri ħeġġa u dedikazzjoni għax-xogħol.



u kif batew biex rabbew. U wara li jiġi nieqes hu, il-kommunita' li serva taħseb modestament fih u tgħaddilu l-Mutual Help. Dan mhux xi opra ta' eluf imma ħsieb ċkejken biex jintwera li minn sħabu ma ġiex minsi. Is-sies tal-ġerarkija kien dejjem il-pedament minn isfel għal fuq u viċi versa. Is-sies tal-kommunita' hi r-rabta katina li ħolqa torbot ma' oħra mhux fil-għamla tonda jew fil-kulur tal-uniformi, imma fir-rabta tal-qlub mal-għan. Ir-rabta individwali mall-Korp, imsaħħa bl-imħabba lejn l-eżekuzzjoni tal-liġi u konfortata bil-ħidma spalla ma' spalla id f'id tal-membri tagħha.

**TKOMPLI Minn Pag 5**

LITLUX NIĊĊA IŻDA SKLUDITU.

5) Forsi aktar fil-bogħod il-pulizija għad iridu jiġu mgħallma għaliex wieħed jagħmel ċerti delitti, x'aktarx tkun l-imġieba tiegħu ma min jassoċja għaddelitti u l-mottivi li jagħmilhom. B'hekk ma tkunx barra minn loku li l-psikjatra forenisiku jgħin 'l pulizija jaqbad it-triq kif jaqbad l-kriminal. Il-pulizija għandu dritt għall-informazzjoni elementari psikjatrika bħal ma l-psikjatra għandu dritt għall ftit tagħrif forensiku.

6) Illum iżda l-aktar li għandu jkun hemm kooperazzjoni bejniethom hija f'dik li hija "PARITA". Ma rridx ngħid li l-psikjatri jsiru spetturi u spetturi jieħdu l-Lawra u d-diploma. Iżda li ċertu klassi ta' pulizija għandha dritt li tkun illawreata fix-xogħol tagħha — għandha dritt li tkun diplomata fl-effiċjenza tax-xogħol tagħha. Ma ninsewx li llum hawn dak li jissejjaħ "ORGANISED CRIME" jiġifieri nies esperti fix-xogħol tagħhom li jkunu parassiti fis-SOĊJETA u għalhekk tajjeb li nittrenjaw esperti fil-pulizija biex jikkumbattu lil nies bħal dawn u jiddefendu lis-soċjeta'.

L-istess jingħad għar-rekluti. Mhux kulħadd tajjeb għal tabib jekk ma jkollux kwalifiki; mhux kulħadd tajjeb għal psikjatra jekk ma jkollhomx ċertu nklinazzjoni. L-istess — mhux kulħadd huwa tajjeb għal Pulizija jekk ma jkunx magħżul sewwa; mhux kulħadd huwa tajjeb biex ilaħħaq malħażin u mgħalem jekk ma jkunx imħajjar u mħarreġ.

L-esplojtazzjoni tas-Soċjeta' tqum ħafna flus — eluf; miljuni ta' liri; il-protezzjoni tagħha trid tkun attrajenti li tiġbed l-aħjar imħuh u l-akbar dedikazzjoni. Waqt li l-PSIKJATRA M'GHANDUX IKUN SPETTUR — SPETTUR GHANDU JKUN PSIKJATRA.

7) L-aħħar kelma fejn isir ġlied bejn il-psikjatra u l-pulizija — biex inkunu għidna kollox. Meta l-psikjatri TALBU l-għajnuna tal-PULIZIJA sabuha dejjem: meta l-pulizija talbu l-għajnuna tal-psikjatra MHUX dejjem sabuha anzi sabu ħafna "IMMA: Għaliex?" Il-punizjoni taddinja hija differenti — il-FUNZJONI TAL-PSIKJATRA hija dik li JIDDEFENDI L-INTERESSI TALMARID: DIK tal-PULIZIJA hija dik li tiddefendi l-INTERESSI TAS-SOĊJETA'. Għalhekk il-poplu m'għandux għalfejn jitkaża meta jara nuqqas ta' qbil bejn il-pulizija u l-psikjatra għandu jifhem li t-triqat tas-SEWWA m'humiex waħda biss dritta, u bla tgħawwiġ — HIJA WAHDA TWILA, TQILA, IEBSA u kultant BLA SOLUZZJONI. Biss bil-kooperazzjoni bejnietna nistgħu nkunu ĠUSTI ANKE MALKRIMINALI u dawn il-kriminali jistgħu jkunu intom, uliedkom; ħutkom, il-ġenituri tagħkom u ħbiebkom. Tispiċċa b'disperazzjoni — IX-XOGHOL IRID ISIR — IMMA GWAJ GHAL MIN JAGHMLU.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjonijiet tal-Mutual Help Association tax-xahar ta' Settembru kienu għall-familji tal-imsemmija ex-membri tal-Korp:



Ex-Kuntistabbli Nru. 98 Joseph Taliana.



Ex-Kuntistabbli Nru. 278 Lawrence Long.

Ħdimna magħhom f'ħajjithom — ma ninsewhomx wara mewthom. Għatihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

## AVVIŻ

BHAL ma tafu, min jispiċċa mill-Korp tal-Pulizija jista' ma jibqax jikkontribwixxi għal Mutual Help Associaton iżda jekk jagħmel dan il-qraba jew d-dipendenti tiegħu jitilfu kull dritt ta' benefiċċju f'każ li dan imut. Nixtiequ għaldaqstant ngħarrfu lil dawk li penzjonanti li ma jkunux iridu jibqgħu membri sabiex jinformaw lill-uffiċjal ingarigat fl-Uffiċju tal-kaxxier minnufih peress li s-somma tiddependi minn numru ta' kontributuri.

# ANCHOR

## MALTA'S FAVOURITE BUTTER

**Trade Enquiries:**

## CROWN COLD STORES LTD.

**(inc. J & L MUSCAT) — Telephone 35842**

---

# ROADHOUSE BUSKETT

**presents NIGHTLY - INTERNATIONAL CABARET**




**STEVE SABRE**
Balancing Act



**DUO STEFAN**
Cycling Act

☆ LES MAGNIFIQUES — International Dancers
☆ FESTA MALTIJA TAR-RAHAL — every Monday (Brass Band, Fireworks)
☆ FOLKLORE GROUP every Wednesday

# L-Arti fil-Pulizija MINN WALTER CAMILLERI

FUQ hekk darba tkellimt ma' sħabi. Kien hemm min fehmni u min le, tant li daħaq. Ir-raġuni għala daħaq hi waħda — nuqqas ta' konprensjoni. Ma fehemx is-suġġett. Jiena qatt ma nippretendi li niġi mifthiem dejjem, għax jiena stess mhux darba jew tnejn ma fihmtx lil ħaddieħor. U allura, inkun fl-istess keffa ta' dak li daħaq meta ma fehemx lili.

Jiena nħobb nitkellem ma' sħabi fuq bosta ħwejjeġ ta' nteress. Fejn inkun naf infendi u fejn le noqgħod nisma' u nosserva. Fejn ikun hemm nifs ta' daħqa, nippreferi nidħaq. Imma kollox f'ħinu u f'waqtu.

Qatt, daqs f'dawn l-aħħar snin ma ħadt interess fil-korp tal-pulizija ta' Malta. Korp li nistgħu ngħidulu TAGĦNA. Ir-raġuni hi waħda. Iż-żmien li ili fil-korp qiegħed iġagħlni nħoss il-piż tar-rank tiegħi. Bħali fil-korp hawn ħafna li jifhmu x'hinu l-piż tar-responsabbilta' tar-rank tagħhom. Hemm oħrajn li huma bosta u bosta aktar attenti. Li tkun attent ifisser li qiegħed tieħu interess. U naraw għaliex hemm bżonn li jikber in-numru ta' dawk li jieħdu nteress.

U meta konna qegħdin nitkellmu flimkien sħabi u jiena, is-suġġett dar fuq l-Arti. Kelma ġġib l-oħra u minn arti dħalna f'oħra. Spiċċajna biex għamilna taħlita minn Raffaello, Picasso, Cremona, Gafa', Merisi, Sciortino, eċċ. Il-kliem bħaċ-ċirasa. Dur minn hawn u minn hemm u s-suġġett ewlieni waqa' fejn xtaqtu. Id-diskussjoni svolġiet mill-mistoqsija; "Xi tkun sewwa sew l-Arti?"

Jekk nitħaddtu minn Picasso u Cremona nassoċjawhom mal-pittura. Minn Mozart u Camilleri mal-mużika. Minn da vinci u Gafa' ma l-arkitettura tal-bini. Minn Michelangelo, Psaila u Darmanin mal-iskultura u linji oħra analoġi. Dawn insejħulhom artisti.

Imbagħad għandna lil dawk kittieba fid-diversi fergħat tal-letteratura. Bħal Aristotle, Dante, Shakespeare, Dun Karm Psaila, Aquilina u oħrajn, li l-ħsieb u l-għerf tagħhom dawwlu l-moħħ ta' dak li ried jitgħallem. Magħhom inżidu l-istoriċi; il-politiċi; ix-xjenzati, eċċ., li b'ħidmiethom ħallew warajhom għejjun bla qies ta' tagħlim fil-libreriji jew xogħol ħaddieħor bl-aktar mod korrett u fidil fuq il-mezzi tax-xandir. U dawn għax mhux huma wkoll artisti!

U la qegħdin ngħidu min huma jew min jista' jkun artist, ngħidu xi tkun l-Arti u naturalment l-Artist. Qabel xejn l-arti rridu narawha ma' min isawwarha. Ma jistax ikun il-wieħed bla ma tidher l-oħra. Għax l-arti ma tiklassifikax ruħha talment jekk ma jkunx hemm l-awtur. U l-awtur ma jissejjaħx artist jekk ma jippreżentax il-krema ta' dak li jifhem, jemmen u jara.

L-arti hi l-ħidma mwettqa tad-djalogu ntonat bejn il-moħħ u id l-awtur. Jgħidilna l-miklem Malti dwar l-arti:— "Xogħol il-bniedem ġej middehen u t-tigrib li jwasslek issawwar jew tikseb min-natura u kif jogħġbu dak li jeħtieġ jew jista' jaqdieh." La tagħna. Dawn ukoll jissejħu artisti.

Ma rridux ninsew barra lil dawk li jwasslu xogħolhom u/jew rajna xi tfisser l-arti jirriżulta għalhekk xi jrid ikun l-artist. Fost kollox irid ikun imgħallem, imħarreġ u jippreżenta tajjeb is-sengħa tiegħu. Għalhekk aktar 'il fuq għidna:— "L-arti rridu narawha ma' min isawwarha." Mill-banda l-oħra mhux kull min jagħmel biċċa xogħol huwa artist. Hemm b'danakollu artisti żgħar u oħrajn kbar.

Dawk in-nies prominenti li ltqajna magħhom aktar 'il fuq, sejjaħnielhom artisti, u hekk huma. Għax huma u xogħolhom huma kbar u prestiġjużi. Jisbqu oħrajn fil-linja tagħhom għax għarfu jesegwixxu xogħolhom bl-akbar reqqa possibbli. Imma bħal dawn hemm kategoriji oħra ta' nies li jistgħu faċilment iwettqu xogħolhom bl-akbar sengħa u allura jkunu jistgħu jkunu huma wkoll artisti. Li tikkomponi biċċa mużika ma tkunx artist, imma li tilħaq ċertu standard, wara naturalment ċertu żmien, tirrendi l-istess mużika artistika u b'hekk tiddistingwiha minn ta' ħaddieħor u tagħmlek artist fil-mużika.

L-avukat jista' jkun ukoll artist għal mod brillanti u elokwenti kif jittratta l-każijiet li jkollu f'idejh. Anke t-tabib, imqar bil-"beside manners" tiegħu mal-pazjent jista' jkun artist fil-kamp mediku. Fil-fatt, l-arti medika jisħqu ħafna fuqha. Rajna li l-avukat u t-tabib jistgħu jkunu artisti fil-linja tagħhom. U għax mhux ukoll il-Lukandier; il-Kennies; l-Għalliem; in-Negozjant; is-Saċerdot, eċċ.! F'kelma waħda kull ħaddiem u min iħaddem. Dawn ukoll jistgħu jkunu artisti. Kulħadd fil-qasam tiegħu. Għalhekk, minn issa 'l quddiem niflu l-Pulizija u naraw kif u jekk jistax isir artist.

Fil-ħarġa t'Awissu 1977 ta' dan il-magazine ġgħidna hekk: "...... l-informazzjonijiet mhux dejjem isibhom wara l-bieb tal-għassa." Għidna wkoll:— "...... il-pulizija waħedha jkollha tiġbed għal sidirha." Issa jiena nemmen li, meta l-informazzjonijiet ma jinstabux wara l-bieb tal-għassa, ikun ifisser li l-pulizija waħedha, ikollha tiġbed għal sidirha. Ifisser ukoll illi l-effiċjenza, l-intelliġenza u l-fedelta' lejn il-ġurament ikunu jridu jissawru fil-pulizija (hu liema rank hu) biex joħroġ prodott tajjeb. Prodott tajjeb jagħmel lil min għamlu, artist. Għax prodott tajjeb jiġi mill-kapaċita' personali.

Mhux kull pulizija li jaqbad każ huwa artist. Tista' tkun artist għal ħila, effiċjenza u fedelta' lejn il-ġurament billi ssolvi dak jew dawk il-każijiet mhux solvuti jew diffiċli ħafna jirriżultaw. Imma biex tkun artist tajjeb fil-pulizija, trid tippreżenta tajjeb ħidmietek speċjalment fil-qorti.

L-arti fil-pulizija ma titkejjilx biss minn xi reat li jkun twetaq. Jista' wkoll ikun artist dak il-pulizija li jipreveni b'għaqal kbir xi reat. Kemm dak li jippreveni kif ukoll dak li jsolvi jkunu qegħdin iwettqu l-krema ta' dak li jifhmu, jemmnu u jaraw fil-qadi ta' dmirijiethom u dan iwassalna

Tkompli P. 15



# Small outside. Big inside.

Everybody's raving about the Toyota STARLET, the small little car with the great big interior: four adults and their luggage in total comfort.

They rave about how miserly it is with fuel too. And about the unbelievable comfort and handling.

You get the good looks and aerodynamic efficiency of unique AEROBOX styling. And you get world-renowned Toyota quality.

Test-drive our small little big car – Toyota STARLET – at your Toyota dealer today. It's great.




**THE HAPPY ECONOMIZER**

# TOYOTA STARLET

TOYOTA

**MICHAEL DEBONO** *ZEBBUG TEL: 647423*

# RAPID RECORDING OF TRAFFIC ACCIDENTS

Minn Paul I. Micallef

TRAFFIC accidents are always a headache to Police Officers and insurance companies. The recording of an accident diagrammatically entails accurate tape measurements, triangulation spread to form a rigid geometrical figure and office work for detail plotting. This type of field-work is called the Classical Method of depicting a "picture" of a traffic accident.

Flat picture photography helps the investigator to arrive at a conclusion to a limited extent but a breakthrough in the rapid recording of accidents was achieved when Three Dimensional Photography or Ground Photogrammetary was introduced and perfected a few years ago. This system is the most modern and scientific method of recording and plotting an accident in a very short time. The advantages are that tape measurements are practically eliminated and only one measurement is taken for scale control.

Only two photos at a definite distance between them may be taken to produce a stereoscopic — pair or a three dimensional model. The photos are usually taken with a twin camera system mounted upon a tripod. If a person views a stereo pair of photos with a stereoscope, the brain will create a three dimensional picture. This will help the person to plot the scene by means of a plotting instrument with an accuracy to the nth degree.



PHOTOGRAPH OF A COLLISION

It will be seen that stereo photography has a number of advantages and records may be inspected or reviewed to the satisfaction of the police officer, magistrate and insurance officer.

Programmed stereo photos may uncover minute details which the unsided human eyes fail to detect.

Manufacturers of the plotting instruments claim that both the photography and plotting exercise can be performed by a non-technical person within a short time.

PAUL I. MICALLEF.



PLOTTING INSTRUMENT




SKETCH OF A COLLISION

## Tkompli minn P.13

wkoll biex nagħrfu d-dedikazzjoni tal-pulizija. Dedikazzjoni waħedha tfisser ukoll arti. Mill-banda l-oħra, aktar ma l-korp ikollu nies dedikati, allura artisti fis-sengħa tagħhom, aktar u aktar il-pulizija tkun effiċjenti, tagħmel ġieh lil Malta u lid-dinja fil-qasam pulizjesk.

Tkellimna għal kemm-il darba f'dan l-artiklu dwar Arti u Artisti. Ippruvajna noħorġu wiċċ ieħor tal-pulizija. Din mhix ċajta jew tidwir mal-lewża. Hi verita' li forsi ftit ikkunsidrawha. Ftit forsi huma dawk li ħarsu lejn il-pulizija minn dan l-aspett. Jekk nidħlu aktar fil-fond insiru aktar realistiċi u nifhmu napprezzaw aktar x'valur artistiku għandu l-Pulizija f'xogħlu fid-dinja tal-lum. Irrepetejna għal kemm-il darba l-kliem Arti u Artist għas-saħħa tal-argument li sinċerament nixtieq jibqgħu f'moħħna biex jintlaħaq il-livell xjentifiku tant mixtieq fost il-pulizija Maltin.




---

**ANDREWS**



**HI-FI** RABBIT NUTS

Issa li ħafna qed irabbu l-fniek fuq sisien kummerċjali, qed jidher il-bzonn ta'għalf speċjalizzat. Fejn ikun hemm farms kbar b'mijiet ta' fniek bħalma huma dawk tat-tjur, ix-xogħol tat-tmiegħ ma jistgħax ikun ikkomplikat.

L-ANDREWS għalhekk ser tibda tip-produci <u>HI-FI RABBIT NUTS</u>. Ma'dan il-ġwież m'hemmx bżonn li wieħed jitma' silla, tiben jew mgħalef lill-fniek. Il-Fibra f'dan l-għalf hija għolja biżżejjed biex ma jinħassx il-bżonn li tagħlef silla, tiben ecc.,

Il-bilanċ ta'nutrijenti f'dan l-għalf qiegħed tajjeb biex wieħed jieħu riżultati tajba għat-tkabbir u għas-simna flimkien mal-vantaġġi ta' Fibra Għolja.

Dan l-għalf speċjali għall-fniek sejjer ikun ibbażat prinċipalment fuq l-Alfalfa.

| PROTEINI | ZEJT | FIBRA |
|---|---|---|
| 17.0% | 2.6% | 12% |

**Jinbiegħ:** Fi xkejjer ta' 25 Kilo.

ANDREWS
FEEDS
MALTA
LTD



għalf bilancjat għall-ħamiem
PIGEON PELLETS

ANDREWS

PIGEON PELLETS hija taħlita ta' cereali, vitamini u minerali li huma tant meħtieġa għall-ħamiem b'saħħitu.
*Issibu għand:* Andrews Feeds Malta Limited, Ħal-Luqa u l-Marsa. F'każ ta' diffikulta ċemplu 621735

# Il-Ħtieġa tal-Vitamina 'C'

Minn Tessie Incorvaja

Kull bniedem għandu bżonn ammont ta' vitamina C għas-saħħa tiegħu. Din isservi ta' tarka kontra l-mikrobi kif ukoll tirreżisti l-infezzjonijiet. Importanti hi wkoll għall-ġrieħi li jista' jkollna u biex titla' ġilda ġdida wara xi ġerħa. Il-Vitamina C hija wkoll neċessarja għal ġilda tal-wiċċ biex tiffrankalna tbajja b'mod speċjali fiż-żmien tal-iżvilupp.

Il-vitamin C li nistgħu nsejħulha wkoll "ascorbic acid" insibuha sewwa fil-larinġ kif ukoll fi frott u ħaxix ieħor. Madanakollu wieħed irid joqgħod attent kif isajjarha għaliex bi ftit nar jew tisjir żejjed, faċli li neqirdu ħafna minn din il-vitamina. Irridu wkoll noqgħodu attenti meta nixtru l-ħaxix u l-frott biex dan ikun b'weraq sodi u ħodor u li ma jkunx misjur ħafna.

Eżempju ta' kemm hija neċessarja din il-vitamina hu li darba minħabba nuqqas tagħha kien hemm marda msejħa 'SCURVY' li kienet qed toqtol ħafna suldati u baħħara għarraġuni li kien ikun impossibli li jasal għandhom ikel li kien ikun fih din il-vitamina. Fl-1747 it-tabib James Lind irnexielu jsib li bd'ieta stretta ta' larinġ u lumi tista' teħles minn din il-marda. B'hekk inħelsu ħafna mill-baħħara u suldati minn taħt din il-marda kiefra. Illum din il-marda tinsab biss fost xi wħud li jixorbu ħafna alkoħol jew li jbatu b'mard mentali u xi drabi nsibuha wkoll fost ix-xjuħ.

Minbarra fil-frott, b'mod speċjali ta' larinġ u lumi, din il-vitamina C tinstab ukoll fil-patata, kaboċċi, bżar aħdar, tadam, frawli u tut. Fl-aħħar ta' min igħid li għal min isofri ta' spiss minn irjiħat ħfief, din il-vitamina hija waħda mill-affarijiet neċessarji għal saħħtu.

# RECIPES

**New ways with open sandwiches**

Open sandwiches never seem to go out of fashion. It is because they can look so attractive, are simple to prepare, appeal to slimers if the bread or crisp-bread is thin and can be right for a quick lunch, supper snack or a complete meal.

Kipper fillets for sandwiches taste extra special if they are marinated first, no cooking needed. Here are two marinades:

**Wine Marinade**

2 tablespoons white wine
2 tablespoons corn oil
6 peppercorns
3 bay leaves

**Lemon Marinade**

2 tablespoons lemon juice
2 tablespoons corn oil
6 peppercorns
3 bay leaves

Place boned kippers or kipper fillets in an oval dish with the chosen marinade. Leave in cool place for 24 hours. Use in salads or in open sandwiches.

**Here is a recipe of one of the open sandwiches:**

Scrambles Egg on Pumpernickel: L slice pumpernickel, buttered; ⅞ egg scrambled, using some butter, 2 tablespoons milk, salt and pepepr; 1 kipper filelt marinated in lemon marinade; springs of parsley.

Top buttered pumpernickel with cold scrambled egg. Cut kipper fillet in half legthways and across. Arrange two crosses on top of the egg and garnish with a sprig of parsley.

**A POLICEMAN'S BRIDE**

A maiden had ambition to be a policeman's bride,
And hoped to win a husband who'd be her joy and pride.
So when she said her evening prayers, upon the floor she'd kneel,
And with devout devosion would offer this appeal:
'O Lord send me a policeman, a policeman true and tried;
Who every time he gets a chance will trot home to my side.
I want a brave policeman who is stalwart, good and true,
Or else I'll never marry, for no one else will do.
At last her prayers were answered; she met a policeman fine;
Who swept the maiden off her feet with his 'detective line'.
They had a rapid courtship; by a preacher they were wed;
But now she says this little prayer before she goes to bed:
'O Lord, I'm truly thankful for the policeman I have wed,
I'm thankful for the children too, Mary, Tom and Fred.
Now please persuade the Powers that be to hasten up the day,
When five of us can manage on one policeman's pay!!

**AVVIŻ**

Dawk li jixtiequ jikkontribwixxu xi materjal għal pubblikazzjoni f'din il-Paġna jistgħu jagħmlu dan billi jibgħatuh lill-Bord Editorjali, "IL-PULIZIJA" M.P.A. Office, Police General H.Q., Floriana.

**Għal dak kollu illi jirrikjedi l-bini, mill-qatran tal-pedament sal-kisi tal-bejt, irrikorri għand l-aktar ditta illi ilha stabbilita, sa mis-sena 1883. Tispeċjalizza fl-importazzjoni tal-materjal kollu tal-bini.**

## JOHN ABELA (1883) & SON LTD.

**ABELA'S BUILDINGS, MARSA**

---

Uffiċċju l-Belt:

**KINGSWAY PALACE**
**TRIQ IR-REPUBBLIKA**

Telegraphic Address: 'IRONSTEEL' MALTA

**Telephone: DIAL 24575**




REMY MARTIN FINE CHAMPAGNE COGNAC

TKOMPLI MINN P.7

X'irridu ngħidu? Irid ikun hemm l-amor proprio tax-xogħol Irid ikun hemm dik il-kommunita' ta' Pulizija li tkun taf ir-raħal sew, li tkun taf tħoss il-polz tal-belt li fiha jkunu jaħdmu. Si dice li tiswa bosta il-Pulizija li jkun jaf ir-raħal sew, li tkun taf tħoss il-polz tal-belt li fiha, jkunu jaħdmu. Si dice li jiswa bosta, il-Pulizija li jkun jaf fejn qed jinbtu -klikek ta' kontraventuri, fejn isibhom u x'ħobż jieklu. Jiswa li jkun jaf biex wieħed igħid hekk bieb bieb x'ikun hemm fejn ikun stazzjonat.

✦ *IL FARE*

Biex wieħed isir effiċjenti fil-Pulizija jrid l-ewwel l-esperjenza u mbagħad it-tattika. Dawn jiġu biż-żmien. Imma meta wieħed jgħaqqad dawn il-fatturi ma' l-element li għalih ikun daħal fil-Pulizija isib is-sodisfazzjon tal-karriera tiegħu. F'mumenti jintesew id-dwejjaq tal-morr tal-ħajja u f'oħrajn jinfetaħ bieb il-ferħ. Għalhekk in-ħares u nara fil-Pulizija kommunita'. Għax għalkemm hemm 'l bogħod ta' għassa minn oħra ta' raħal minn ieħor tista' tgħid li taħt l-istess kapott nerfgħu l-istess salib. Mhux l-ewwel darba li f'rinforzi Pulizija minn naħa tal-gżira jitkellem ma' ieħor minn naħa l-oħra tal-gżira biex fl-aħħar jiskopri li qegħdin f'ilma wieħed.

Hekk meta jiltaqgħu l-anzjani jagħmlu l-paraguni fil-pagi kif kienu fl-uniformi u fis-sistema kif kienet taħdem il-Pulizija. Fiż-żgħażagħ tagħna mbagħad issib lil min jagħmel paragun bejn ix-xogħol li kellu dak li għandu biss. Imma l-paraguni huma odjużi. Trid tieħu l-ħajja b'sens komun. Iż-żgħażugħ iħares lejn l-anzjan u jara fih dak il-Pulizjott li għabar l-esperjenzi. Hekk kif jiġi biex jirtira bil-pensjoni ikun jista' jiftaħ il-ktieb tal-ħajja tiegħu u jirrakonta minn x'hiex għadda. Dawk ta' madwaru jisimgħu u min jidħak u min jgħid koż u x'naf jien. Hekk forsi wieħed itaffi l-piż tal-ħajja ta' Pulizija. Imma waqt li mill-wiċċ ikun jidher dan il-ħsieb minn taħt fil-qalb ikun hemm l-amor proprju li jħares bih 'il quddiem u jgħid li meta jiġi biex jispiċċa hu bil-pensjoni irid ikollu stejjer li jiġbdu l-ammirazzjoni ta' Pulizija serju li qeda dejjem id-dover tiegħu.

✦ *IL-MARE*

Minn meta wieħed jidħol fil-Pulizija sa ma jispiċċa bil-pensjoni jrid igħaddi baħar ta' żmien u baħar ieħor ta' esperjenza biex ma noqgħodux insemmu t-taħbit tal-ħajja. Iridu jgħaddu baħar ta' ferħ u ieħor ta' dwejjaq. Irid ikun hemm żmien li jinżamm il-frank u l-leave proprju meta wieħed ikun iridu. Irid jinqala' xogħol fuq xogħol meta u fejn wieħed ikun l-aktar mhux mistenni. Dak li jrid jgħaddi nħalluh f'idejn id-destin. Il-baħar jiġi mewġa wara mewġa u ġieli togħla malmewġ.

✦ *HAWN IL-KOMUNITA'*

Jiġi x'jiġi kemm ikun baħar kemm jekk ikun problemi irid isib lill-Pulizija lest. Il-problemi jiġu biex isolvihom u l-baħar jiġi biex il-mewġ jgħaddi. Fl-isfera t'isfel irid isib l-għaqda bejn il-membri tal-korp. Minn din l-għaqda tibda tiela' 'l fuq u tasal għar-rispett tas-Superjuri immedjati bħal ma huma s-Surġenti. Minn dan ir-rispett lejn ir-rank għandu joħroġ sens ta' ftehim li min ikun fuq jifhem lil taħt u jara li ta' taħt huma kuntenti, filwaqt li huma dixxiplinati. Hekk nibdew telgħin it-tarağ u niġu fil-maġġuri l-dejjem lesti biex jgħinu lill-Kuntistabbli u s-Surġent u lill-Ispettur ta' fuqhom biex jaraw li kollox miexi sew u li kollox miexi 'l quddiem. Għandhom jaraw li fil-bżonn ta' investigazzjoni u xogħol ieħor ikun moqdi s-superjur immedjat u l-pubbliku li lilu jingħata servizz. L-ispettur bir-responsabbilitajiet tiegħu irid iħares 'l fuq lejn l-ordnijiet tal-ġurnata u l-isfel biex jara kif ser jaqdihom bil-mod u bin-nies li jkollu. U hekk nibqgħu telgħin bil-gerarkija. Kull fejn kien hemm ġerarkija kien hemm kommunita'. Kien hemm dawk li servew biex ġew servuti. Kemm smajna lill-anzjani tagħna jgħidulek li mill-biċċa tal-ħobż tal-Pulizija rabbew bil-għaraq ta' xbinhom lill-familja u kif batew biex rabbew. U wara li jiġi nieqes hu, il-kommunita' li serva taħseb modestament fih u tgħaddilu l-Mutual Help. Dan mhux xi opra ta' eluf imma ħsieb ċkejken biex jintwera li minn sħabu ma ġiex minsi. Is-sies tal-ġerarkija kien dejjem il-pedament 'minn isfel għal fuq u viċi versa. Is-sies tal-kommunita' hi r-rabta katina li ħolqa torbot ma' oħra mhux fil-għamla tonda jew fil-kulur tal-uniformi, imma fir-rabta tal-qlub mal-għan. Ir-rabta individwali mall-Korp, imsaħħa bl-imħabba lejn l-eżekuzzjoni tal-liġi u konfortata bil-ħidma spalma' spalla id f'id tal-membri tagħha.

---

## Għotja ta' Uniformijiet ġodda tas-Saif lil Jazz Band tal-Pulizija

FID-9 ta' Awissu 1978, il-Maġġur Ernest Grixti għannom tad-ditta tal-uniformijiet GRIXTI TAL-BELT VALLETTA, ippreżenta sett ta' ħames uniformijiet ġodda tas-Saif lis-Sur John Cachia, Kummissarju tal-Pulizija. Dawn l-uniformijiet intużaw għall-ewwel darba nhar il-Ġimgħa 18 ta' Awissu fl-okkażjoni tal-August Moon fejn daqqet il-Jazz Band tal-Pulizija.

Preżenti għal din il-preżentazzjoni kien hemm ukoll il-membri tal-Jazz Band tal-Pulizija u uffiċjali oħra tal-Korp.

